# Rapport ta' Ħidma

L-ebda bidla ma hi faċli u kull bidla iġġib magħha sfidi ġodda, li s-suċċess tagħhom ikun jiddependi biss minn kif wieħed jiffaċjahom u xi pjan ta' azzjoni jħejji.

Sa mill-ħatra tiegħi bħala President ta' din l-Assoċjazzjoni, dherli li l-prijoritajiet għalina kellhom ikunu dawk l-isfidi li għal diversi snin tkellimna fuqhom, imma qatt ma ħadna azzjoni dwarhom. Prijoritajiet li rridu nindirizzawhom b' mod kollettiv u ħollistiku.

Kien ghalhekk illi fl-ewwel laqgħa tal-Eżekuttiv, ressaqt sensiela ta' prijotitajiet għas-sentejn li ġejjin, dan sabiex naraw li dawn ikunu fuq l-aġenda matul il-ħidma tagħna. Dawn il-prijoritijiet qsammnihom f' żewġ kategoriji. Fl-ewwel kategorija hemm dawk il-prijoritajiet li jeħtieġu azzjoni immedjata, filwaqt li l-kumplament jistgħu jiġu diskussi aktar 'il quddiem. Indikat aktar 'l isfel f' dan ir-rapport, wieħed jista' jieħu indikazzjoni ta' x' inhuma dawn il-prijoritajiet.

## Prijoritajiet immedjati

- Swieq fil-beraħ
- Ġbir ta' Skart
- Sistema ta' Infurzar Lokali
- Permessi ta' Mwejjed u Siggijiet
- Allokazzjoni
- Riforma fir-reġjuni
- Segretarji Ezekuttivi
- Vot 16 – Dritt ta' Kontestazzjoni
- Emendi KAP 363
- Ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali
- L-iskemi tal-Ħaddiema mall-Kunsilli Lokali
- Re-attivazzjoni tal-patt tas-Sindki

## Prijoritajiet fit-tul

- Terminu ta' Sindku / President tar-Reġjun u l-possibilita' li dan l-irwol jkun fuq bażi ta' impjieg *full time*
- Vot *online*
- Seduti tal-Kunsilli *on Demand*
- Is-sehem tal-Kunsilli Lokali fiż-żamma tat-toroq

L-Assoċjazzjoni ħejjiet numru ta' dokumenti fejn peremzz tagħhom beda proċess ta' konsultazzjoni mall-Kunsilli Lokali kollha. S' issa dawn id-dokumenti trattaw prijoritajiet bhalma huma;

- Is-Swieq fil-beraħ
- Il-Ġbir u mmaniġġjar ta' skart
- Il-Permessi tal-Imwejjed u Siġġijiet
- L-iskemi tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali

Barra d-dokumenti mħejjija, saru u qed isiru għadd ta' laqgħat mal-Ministeri u Entitajiet ikkonċernati fuq kull prijorita'. Dan sabiex mhux biss ikollna d-dokumenti u proposti mħejjija, imma wkoll wara li ġbarna l-opinjonijiet tal-Kunsilli Lokali, issa qed nibdew niltaqgħu biex inħejju Pjanijiet ta' Azzjoni.

M' hemmx dubju li l-Assoċjazzjoni jrid ikollha rwol attiv u ċentrali f' kull tibdil ta' *policy* jew tħaddim ta' pjan t' azzjoni fuq kull wieħed mis-suġġetti ndikati aktar 'l fuq.

Dwar ir-**Riforma fir-Regjuni**, il-membri tal-Eċekuttiv għadhom qed jaħdmu fuq rapport ta' proposti ta' kif; dawn jistgħu jaħdmu, x' responsabbiltajiet jista' jkollhom u l-allokazzjoni dovuta li ghandu jkollhom. Irrid inkun ċar dwar dan, l-Assoċjazzjoni mhix tħares lejn responsabbilitajiet li għandhom il-Kunsilli sabiex jingħataw lir-Reġjuni imma responsabbiltajiet li mill-Gvern Ċentrali għandhom jgħaddu għand ir-Reġjuni. Dan ma jfissirx li ċertu setturi li fihom il-Kunsilli fallew minħabba li s-sistema mhix tajba jew inkella għaliex mhux iktar vijabli li nahdmu b' mod invidwali. Dwar dan, ser inkun qedgħin nipproponu li jkun hemm diskussjoni sabiex narw kif wieħed jista' jsib mezz illi filwaqt li l-Kunsilli jibqa' jkollhom sehem u rwol ċentrali, it-tħaddim isir fuq bażi nazzjonali. Dan biex anki tonqos l-ispiża tal-operat.

Dwar **is-Sistema ta' Infurzar Lokali**, bla dubju għad hemm ħafna xogħol xi jsir. Dan anki fid-dawl tal-wegħda elettorali tal-Gvern, illi din l-aġenzija tiġi mibdula f' Dipartiment magħluq tal-Gvern. Dwar dan għaddejjin għad ta' laqgħat kif din il-bidla tista' ssir u l-Assoċjazzjoni qed tkun irrappreżentata mill-President li dan jgħin sabiex jiġi stabbilit l-aħjar mod kif titsa' ssir din it-transizzjoni. Wara dan, ser issir konsultazzjoni sħiħa mal-Presidenti tar-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali.

Fil-perjodu ta' bejn Lulju u Awwissu, saret ħidma intensiva sabiex ġie stabbilit l-ammont li għandu jkun mitlub f' żieda addizzjonali mal-**Allokazzjoni** preżenti. Dwar dan saru laqgħat mas-Segretarjat Parlamentari u d-Dipartiment u tajjeb li wieħed jgħid li kien hemm qbil bejn il-partijiet ikkonċernati. Għall-ewwel darba, qed issir talba diretta mill-Assoċjazzjoni sabiex ikun hemm żieda fir-riżorsi umana biex b' hekk tkun f' pozizzjoni aħjar li tilqa' it-talbiet u d-domandi tal-Kunsilli Lokali.

Kif stajtu taraw, anki mill-korrispondenza bejn l-Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali kien hemm żieda sostanzjali. Qed nippruvaw inkunu proattivi għal bżonnijiet tal-istess Kunsilli. Dan mhux faċli jsir meta ma jkollokx l-ammont mixtieq ta' ħaddiema.

Nixtieq inżied li meta ġejt elett President tal-Assoċjazzjoni, l-istaff kien jikkonsisti biss mis-Segretarja Eżekuttiva u ħaddiema li qedgħin fuq skema tal-Jobsplus. Dawn riedu jlaħħqu ma' kollox. Fi ftit ġimghat nista' ngħid li l-Assoċjazzjoni irnexxilha takwista fondi sabiex stajna nżiedu Assistant Principal sabiex tassisti s-Segretarja Eżkeuttiva. Żiedna wkoll ħaddiem ieħor ghall-sittax il-ġimgħa full time li qiegħed fuq skema tal-Jobsplus u daħħalna wkoll ħaddiema klerikali sabiex tkun tista' tassisti fix-xogħol ta' l-uffiċċju. Qedgħin nippruvaw noħolqu struttra fejn kulhadd ikollu r-responsabiltajiet tiegħu u b' hekk s-Segretarja Eżekuttiva tkun tista' tassisti aħjar lil Eżekuttiv. Din hija xi ħaġa li qabel ma setgħetx tagħmel għaliex hija riedet kontinwament tagħmel xogħol li suppost kien qed isir minn ħaddiehor.

Hawn irrid nirringrazzja lil Isabella kif ukoll lil Lianne, li kif għidt għadha kemm bdiet magħna ftit tal-ġimgħat ilu, li qed jirnexxilhom jagħmlu l-mirkali billi affarijiet u materji li kienu ilhom pendenti żmien twil, bdew jitwettqu. Irrid inżid li minkejja li suppost kienu bin-nofs ta' nhari, qatt ma ħellew l-uffiċċju qabel it-tlieta ta' wara nofs inhar.

Irrid inżid li fl-aħħar ġimgħat anki tajna spinta fejn jidħol immodernizzar ta' l-uffiċċini. Dan qed isir kemm b' investiment f' kompjuters ġodda kif ukoll f' għamara u bżonnijiet oħra li jgħinu sabiex jinħoloq ambjent aħjar ghall-impjegati tagħna. Nemmen li dan hu wieħed mill-modi kif iżżom il-ħaddiema motivati u tirreċiproka r-rispett muri lilek.

Fl-istess perjodu ta' bejn Ġunju u Settembru, qed jitkomplew diskussjonijiet dwar il-ftehim kollettiv tal-**Ħaddiema klerikali** kif ukoll tas-**Segretarji Ezekuttivi**. Aħna nemmnu li kundizzjonijiet xierqa jgħinu sabiex bla ma wieħed ikun esiġenti żżejjed, jieħu l-massimu mill-impjegati tiegħu. Hawn nixtieq nagħmel appell, anki fuq dak li nisma minn żmien għal ieħor u bla ma nsemmi każijiet partikolari, meta wieħed jieqaf u jisma u jitkellem inqas, kultant jifhem aħjar u tasal għal soluzzjoni bla argumenti żejda. Irridu nifhmu li kull persuna jkollha l-problemi personali tagħha u mhux dejjem se tiġi għax-xoghol bi tbissima fuq wiċċha. Ftit tolleranza u doża ta' paċenzja ma tagħmel deni lil hadd.

Personalment kont involut f' diskussjonijiet qabel l-elezzjoni ġenrali li għaddiet sabiex il-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv ma tibqax pożizzjoni ta' fiduċja iżda jkun hemm serħan il-moħħ mill-post tax-xogħol tagħhom. Wara l-elezzjoni żammejt u ġeddidt l-impenn tagħna biex inkomplu bid-diskussjonijiet sabiex naraw li dak imwiegħed iseħħ.

Issa li l-ligi nbidlet sabiex żgħażagħ ta' **16-il sena jkunu jistghu jivvutaw** wasalna ghal pass li jmiss, bix-xieraq li nibdew diskussjonijiet sabiex dawn ikunu jistgħu jikkontestaw l-elezzjonijiet lokali. Għad irid jibda jiġi diskuss jekk dawn jistghux ikunu Sindki jekk kemm-il darba dan ikun il-verdett tal-poplu bil-vot tiegħu. Dwar dan se jibdew diskussjonijeit fejn aħna se nkunu qed inħejju rapport. Dan se jsir wara li nkunu għaddejna proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali nfushom.

Xi ħaga li xtaqt li nerġgħu nagħtu l-ħajja kien il-**Patt tas-Sindki.** Kif tafu, bosta Kunsilli Lokali kieu iffirmaw dan il-Patt iżda sfortunatament tul is-snin, qajla komplejna naħdmu fuqu. Għaldaqstant, fl-ahhar gimgħat bdejt diskussjonijiet mas-Sur Robert Tabone fejn qed tinġabar informazzjoni dwar kull inizjattiva li ttieħdet fl-ahhar snin, kif ukoll informazzjoni dwar x' kien il-gwadan bhal; nuqqas ta' emmissjonijiet u inqas konsum ta' enrgija fost l-oħrajn. Dan kollu sabiex nerġgħu nibdew inkunu parteċipi f' dan il-Patt. Dan ix-xogħol għadu għaddej u qed nittama' li nibdew nikkonkretizzaw fi ftit ġimgħat oħra.

Minkejja li kien il-ħsieb li tul ix-xhur tas-sajf nibdew naħdmu fuq l-**emendi fil-liġi**, dan ma kienx possibli peress li kien hemm l-elezzjoni generali li ftit jew wisq ħarbtet ftit mill-pjanijiet li kien hemm. Minkejja dan, l-impenn tagħna għadu sħiħ, illi nagħmlu proposti għat-tibdil meħtieg. Għaldaqstant fil-jiem li ġejjin, ser ikunu qed nibghatu dawk li kienu taw isimhom sabiex ikunu parti minn dan il-kumitat sabiex nibdew din il-ħidma.

Barra dan kollu, saru għadd ta' laqgħat ma' entitajiet ohra bħal TM, WSC, Greenpak, Ministru Jose Herrera, s-Segretarju Parlamentari Deo Debattista u uffiċċjali minn PA.

Kollha kienu laqghat li b' xi mod jew ieħor kellhom x' jaqsmu ma' dak li ddiskutejt aktar l' fuq jew problemi partikolari ta' Kunsill Lokali jew ieħor.

Kellna wkoll żewg laqgħat mal-Eċċellezna tagħha l-President Marie Louise Coleiro Preca, fejn iddiskutejna magħha għadd ta' inizjattivi fosthom kif il-Kunsilli Lokali jistgħu ikunu ta' għajnuna fl-għan nobbli tal-Fundazzjoni li hija tmexxi u wkoll il-fond tal-MCCF. Minn hawn irrid inħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minnkom sabiex possibilment tipparteċipaw fl-iskema li nedejna fejn kull Kunsillier jew impjegat jagħti donazzjoni ta' €2.33 fix-xahar għal dan il-għan. Huwa l-ħsieb li fil-bidu tas-sena d-dieħla tiġi mnedija attivita' bejn iz-żewġ naħat sabiex ikun hemm rikonoxximent lil dak il-Kunsill Lokali illi jaghti l-ikbar sehem f' dan ir-rigward.

Dawn kollha huma l-prijoritajiet li qed naħdmu fuqhom fl-immedjat. Dwar il-punti l-ohra, ma nhossx li għandi nidħol fid-dettal taghhom għalissa, peressli ghad irridu nibdew id-diskussjonijiet.

Biex nikkonkludi, l-għan ewlieni tiegħi primarjament kien li mhux inkissru l-pontijiet imma li nibnuhom, li nsaħħu l-kommunikazzjoni bejn dawk kollha nvoluti. B' xi mod nahseb li dan irnexxili nagħmlu. Bla dubju ta' xejn biex għamilt dan kelli l-għajuna u r-rieda ta' sħabi tal-Eżekuttiv li mingħajr l-għajuna tagħhom ma kienx ikun possibli li nagħmlu tant xogħol fi żmien relattivament qasir. Mill-ġdid irrid nirringrazzja lil istaff li kif għidt qabel, ħadmu bla heda anki fil-ħin personali tagħhom mid-dar, sabiex stajna nlaħħqu ma' deadlines li poġġejna fuqna aħna stess.

Wasalna? Ovvja li le. Pero konvint li bl-għajnuna u s-sapport ta' kulhadd, flimkien nistgħu naslu sabiex negħlbu kull sfida li għadna quddiemna.

Fl-aħħar nett irrid nagħlaq billi nirringrazzja lil Onoervoli Silvio Parnis u l-Onorevoli Robert Cutajar li meta kellhom stedina sabiex niddiskutu magħhom dak kollu li kien hemm bzonn, dejjem kienu disponibbli li jiltaqgħu magħna. Grazzi wkoll lil Perit Cacopardo li laqħha wara l-oħra dejjem kien preżenti u ta kontribut fl-ahjar interess tal-Kunsilli Lokali

Mario Fava

President